

Brussell, 5 ta' Diċembru 2022  
(OR. en)

15393/22

LIMITE

PECHE 486

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0325(NLE)**

---

## NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-iffissar għall-2023 tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/110 fir-rigward tal-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2022 applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed - Qbil politiku

## I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq, ibbażata fuq l-Artikolu 43(3) TFUE, fl-14 ta' Ottubru 2022<sup>1</sup>. Il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2023 skont il-pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM). Il-Kummissjoni aġġornat il-proposta b'dokument informali ppreżentat fit-23 ta' Novembru 2022<sup>2</sup>.
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika tas-Sajd eżamina l-proposta fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2022 u d-dokument informali fil-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Novembru 2022. Id-delegazzjonijiet daħħlu riżervi ta' skrutinju u diversi delegazzjonijiet kienu kritiċi ħafna bil-miżuri proposti li jimplimentaw il-pjan pluriennali għall-Mediterran tal-Punent u talbu għal

---

<sup>1</sup> ST 13592/22 + ADD 1

<sup>2</sup> ST 14899/21

approċċ aktar gradwali biex jittaffa l-impatt soċjoekonomiku negattiv fuq is-sajjeda anke fil-kuntest tal-inflazzjoni kontinwa u l-kostijiet għoljin tal-enerġija. Kummenti oħra rreferew għall-ħtieġa li jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni ma' pajjiżi terzi li jistadu fl-istess baċir tal-baħar anki permezz ta' kontrolli msaħħa.

3. Verżjoni konsolidata tal-proposta nħarġet fit-30 ta' Novembru 2022<sup>3</sup> u ġiet diskussa fil-Grupp ta' Ħidma fl-1 ta' Diċembru 2022. Id-delegazzjonijiet appoġġaw b'mod ġenerali t-test propost inkluż xi bidliet żgħir li jikkoreġu żbalji tekniċi jew lingwistiċi u l-kjarifika tal-kamp ta' applikazzjoni ssuġġerit mis-Servizz Legali tal-Kunsill. Il-verżjoni konsolidata indikat elementi, rilevanti għas-sajd fil-Punent tal-Baħar Mediterran, li jibqgħu miftuħa għal diskussjoni politika: Il-premessi 7, 8, 9, 19, 12, 14, 14a, 31, l-Artikoli 7, 8, 8a u l-Anness III.
4. B'mod ġenerali, il-Prezidenza temmen li l-prinċipji li ġejjin għandhom iservu ta' gwida għad-diskussjonijiet u d-deċiżjoni finali:
  - Impenn qawwi għall-objettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) kif stipulat fl-Artikolu 39 TFUE u fl-Artikolu 2 tal-PKS<sup>4</sup>;
  - Il-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran, inkluż il-kisba tal-MSY sal-2025;
  - Deċiżjonijiet ibbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli.
5. Il-Prezidenza organizzat laqgħat trilaterali tekniċi fit-2 ta' Diċembru mal-Kummissjoni u d-delegazzjonijiet sabiex tiċċara l-kwistjonijiet pendenti. Dawn il-kwistjonijiet huma ppreżentati fil-parti II hawn taħt. Aktar dettalji rigward il-pożizzjonijiet tad-delegazzjonijiet dwar dawn il-kwistjonijiet jinsabu fil-kummenti bil-miktub tagħhom<sup>5</sup>.

---

<sup>3</sup> ST 15115/22

<sup>4</sup> Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

<sup>5</sup> ST 15283/22

## II. KWISTJONIJIET PENDENTI

6. Il-kwistjoni pendenti ewlenija hija t-tnaqqis fl-isforz tas-sajd għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Baħar Mediterran previst fl-Anness III. Id-delegazzjonijiet jappellaw għal approċċ aktar gradwali mis-7.5 % għall-bastimenti tat-tkarkir proposti mill-Kummissjoni b'kont meħud tat-tnaqqis kontinwu fuq il-komunità tas-sajd u jenfasizzaw li miżuri oħra li għandhom l-għan li jżidu s-selettività jistgħu jkunu aktar effettivi biex jintlaħaq l-MSY.
7. F'dan il-kuntest, id-delegazzjonijiet jilqgħu l-kontinwazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kumpens li ta riżultati tajbin fl-2022 iżda jargumentaw favur perċentwal ogħla tal-isforz tas-sajd globali għall-bastimenti tat-tkarkir li mbagħad jista' jiġi allokat flimkien mal-bastimenti tiegħu jekk jiġu ssodisfati ċerti kondizzjonijiet. Id-delegazzjonijiet jargumentaw li perċentwal ogħla joħloq inċentiv reali għall-flotot tagħhom biex iżidu s-selettività u b'hekk il-protezzjoni tal-istokk.
8. Element ieħor li qed jiġi diskuss huwa t-tnaqqis propost ta' 7 % tal-limiti massimi permissibbli ta' qabdiet għall-gamblu blu u aħmar u għall-gamblu aħmar kbir. Delegazzjoni waħda topponi l-istabbiliment ta' tali limiti ta' qabdiet peress li dawn jikkoinċidu mal-effetti tat-tnaqqis tal-jiem tas-sajd, filwaqt li delegazzjoni oħra tixtieq tnaqqis iżgħar u delegazzjoni terza ma tistax taqbel mat-tnaqqis f'ċerti żoni ta' ġestjoni.
9. Fl-aħħar nett, id-delegazzjonijiet jiddubitaw il-proposta ta' għeluq addizzjonali ta' erba' ġimgħat kontinwi għall-għeżula u l-bastimenti tas-sajd bil-konz biex jiproteġu l-merluzz matul l-istaġun massimu tar-riproduzzjoni tiegħu minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni xjentifika dwar ir-rotot migratorji. Delegazzjoni waħda tiddubita wkoll iż-żieda fid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għall-merluzz.

## III. KONKLUŻJONI

1. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jindirizza l-kwistjonijiet pendenti msemmija taħt il-punt II hawn fuq, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil politiku fil-Kunsill AGRIFISH previst għall-11 u t-12 ta' Diċembru 2022.